31 ta' Mejju, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Wing Commander Henry Buick ne. versus Caterina Agius et.

**Bejgħ — Evizzjoni — Regress — Art. 1472 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Ix-xerrej li ma jiddenunzjax lill-venditur l-azzjoni ta' evizzjoni ntentata kontra tiegħu ma jitlefx assolutament id-dritt tiegħu għall-azzjoni ta' regress kontra l-venditur, fil-każ li jiġi evitt.*

*Biex il-venditur, u bħalu l-garanti tiegħu, ikun jista' jeżonera ruħu*

*mill-konsegwenzi ta' l-azzjoni ta' regress mhux biżżejjed l l-kumpratur ma jkunx għamillu denunzja ta' l-azzjoni ta' l-evizzjoni, imma għandu jipprova illi, kieku kien ġie msejjaħ fil-kawża ta' l-evizzjoni, kien ikun jista' jimpedixxi l-evizzjoni.*

*Jekk il-vendituri kienu aktar minn wieħed, u wħud minnhom kienu msejħin fil-kawża ta' l-evizzjoni u oħrajn ma kienux, dawk li kienu hekk imsejħin ma jistgħux, fil-kawża ta' regress, jagħmlu aktar din il-prova; imma dawk li ma kienux imsejħin jistgħu jiġu ammessi biex jagħmlu din il-prova.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li ppremetta illi b'att publikat minn Nutar Emmanuele Pio Debono tal-15 ta' Novembru 1945, il-konvenuta Caterina Agius biegħet lill-Air Ministry l-utili dominju għal 52 sena li baqa' tal-biċċa art li tifforma parti mill-għalqa "Hal Reskum", kuntrada omonima, limiti ta' Hal Kirkop, li kienet tikkontjeni kamra in parti demolita, barriera u xi sigar imsemmijin fl-att, tas-superfiċi ta' ħames sigħan u ħames kejliet, kollox kif deskritt fl-istess kuntrat, magħrufa wkoll bħala "Plot 6", konfinata mill-irjieħ kollha minn art akkwistata mill-Air Ministry, u dan bil-prezz ta' £80; u illi l-konvenuti kollha "in solidum" bejniethom iggarantiew favur l-akkwirent il-paċifiku pussess ta' l-art mibjugħa skond il-liġi; u illi b'sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Ottubru 1952, konfermata mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-18 ta' Mejju 1953, ġie deċiż illi mill-imsemmija art mibjugħa mill-konvenuti lill-Ministeru ta' l-Arja fl-atti fuq indikati tan-Nutar Emmanuele Pio Debono, parti tal-kejl ta' 4 sigħan u 4 kejliet kienet ta' proprjetà ta' Giuseppa mart Benedetto Falzon, u mhux tal-venditriċi Caterina Agius; u illi l-Air Ministry għalhekk sofriet evizzjoni mill-istess parti ta' l-art in kwistjoni; u illi għalhekk huwa, b'att tan-Nutar Joseph Spiteri tal-25 ta' Lulju 1953, reġa' xtara minn għand l-imsemmija Giuseppa Falzon l-art li minnha ġie evitt; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenuti jiġu kundannati "in solidum" biex iħallsuh u jirrifondulu fl-imsemmija kwalità tiegħu (a) is-somma ta' £64 korrispondenti għall-prezz ta' biċċa art ta' 4 sigħan u 4 kejliet li tagħha huwa

sofra evizzjoni, fuq il-bużi tal-prezz ta' £80 għall-kejl intier ta' 5 sigħan u 5 kejliet, (b) is-somma li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti bħala danni, konsistenti fl-ispejjeż relativi għall-parti ta' l-art li minnha huwa ġie evitt, tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Emmanuele Pio Debono tal-15 ta' Novembru 1945, fl-ispejjeż tal-periti u konsulenti legali mqaabbdin mill-Air Ministry għall-akkwist ta' l-istess art, u l-imgħaxijiet fuq is-somma fuq imsemmija ta' £64 li ġew rimborżati mill-Air Ministry lil Giuseppa Falzon, u f'danni oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż. Il-konvenuti ġew imħarrkin għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha jeċċepixxu illi, għalkemm biċċa minnhom kellhom parti bħala kjamati fil-kawża "Falzon vs. Watson" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1953, biċċa oħra minnhom ma ħadux parti f'dik il-kawża; għalhekk huma mhumiex marbutin b'dik is-sentenza; illi l-erba' sigħan u l-erba' kejliet imsemmija fiċ-ċitazzjoni ġew mibjugħa sewwa fl-atti tan-Nutar Emmanuele Pio Debono tal-15 ta' Novembru 1945, u kienu talvendituri, kif jirriżulta aħjar fil-kawża; illi għalhekk id-domandi huma infondati;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Emmanuele Pio Debono tal-15 ta' Novembru 1945, il-konvenuta Caterina mart Benedetto Agius biegħet lill-Air Ministry Directorate of Works l-utili dominju temporanju ta' l-art deskritta fiċ-ċitazzjoni, ta' l-estensjoni superfiċjali ta' 5 sigħan u 5 kejliet, bil-prezz ta' £80. F'dak l-att il-bejgħ sar mill-konvenuta Caterina Agius, bħala vendituriċi, bil-garanzija solidali bejniethom tal-paċifiku pussess ta' l-art mibjugħa mill-konvenuti l-oħra Antonio Debono, Rosa mart Carmelo Vella, Leonardo Debono, Carmela mart Benedetto Camilleri, u Benedetto Debono............ Insegwitu għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru 1952, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1953, fil-kawża fl-ismijiet "Falzon vs. Watson", l-Air Ministry sofra evizzjoni minn parti ta' dik l-art, fl-estensjoni

superfiċjali ta' 4 sighan u 4 kejliet..................;

Illi mill-provi miġjuba jirriżulta illi s-somma dovuta lill-a tur għal-evizzjoni ġa msemmija minnu sofferta tilħaq kom-plessivament £113. 8. 4;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tal-konvenuti;

Illi l-konvenuti Caterina Agius, Rosa Vella u Carmela Camilleri jallegaw illi huma ma għandhom iħallsu xejn, għaliex mhumiex marbutin mis-sentenza fuq imsemmija, billi ma kienux parti fil-kawża li fiha ġiet mogħtija. Effettivament dik il-kawża kienet saret minn Giuseppa mart Benedetto Falzon kontra l-Air Ministry, kif ukoll kontra Benedetto Agius, Antonio Debono, Rosa Vella, Leonardo Debono, Carmela Camilleri, u Benedetto Debono, li fuq talba ta' l-Air Ministry kienu ġew kollha msejħin fil-kawża. Minn hekk jirriżulta illi f'dik il-kawża l-konvenuta Agius ma kienetx parti, imma kien parti biss żewġha Benedetto Agius; u illi l-konvenuta Rosa Vella u Carmela Camilleri, għalkemm kienu parti fl-istess kawża, ma kienux però fiha leġittimament, billi ma kienux assistiti mir-raġel rispettiv tagħhom. Fi kliem ieħor, it-talba għall-kjamata fil-kawża mill-Air Ministry ta' dawn it-tliet konvenuti f'dik il-kawża saret ħażin; liema ċirkustanza ġġib għall-konsegwenza li l-Air Ministry ma sejjaħx fil-kawża lil dawk it-tliet konvenuti, u hekk lanqas ma ddenunzjalhom l-evizzjoni imminenti li kienet timminaċċja dik il-parti ta' l-art;

Illi ma jistax jingħad illi l-attur nomine, ladarba ma ddenunzjax l-imminenza ta' l-evizzjoni lil dawk it-tliet konvenuti, tilef b'mod assolut id-dritt tiegħu għall-azzjoni odjerna kontra tagħhom. Biex il-venditur, u bħalu l-garanti tiegħu, ikun jista' jeżonera ruħu mill-konsegwenzi ta' l-azzjoni tar-regress, mhux biżżejjed illi l-kumpratur ma jkunx għamillu d-denunzja tal-kawża ta' evizzjoni, imma għandu jipprova illi, kieku kien imsejjaħ fil-kawża, kien ikun jista' jimpedixxi l-evizzjoni (art. 1472 Kodiċi Ċivili; Vol. XXIX—II—359). Din il-prova fil-każ taħt eżami ma jistgħux jagħmluha l-konvenuti Antonio Debono, Leonardo Debono, u Benedetto Debono, għaliex lil dawn l-attur kien iddenunzjalhom dik l-azzjoni ta' l-evizzjoni, u huma kienu debitament imsej-

hin fil-kawża fuq imsemmija. Imma l-istess prova għadha trista' tintagħmel mill-konvenuti Caterina Agius, Rosa Vella u Carmela Camilleri, li, kif ingħad, ma kienux debitament imsejħin f'dik l-istess kawża; u dawn l-aħħar tliet konvenuti talbu illi jagħmlu din il-prova;

Għal dawn ir-rağunijiet;

Tammettiħ lill-konvenuti Caterina Agius, Rosa Vella u Carmela Camilleri biex jagħmlu l-prova fuq imsemmija offerta minnhom; u għal dan l-iskop tiddifferixxi l-kawża għas-seduta tal-15 ta' Ġunju 1954. L-ispejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza finali.